**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D.**

**Wilhelmina Chetcuti ID 71443M; Pamela Grech ID 663156M,Valerie Olsson passport Svediz 56620062; Kenneth Spiteri ID 245867M**

**Vs**

**Wayne Chetcuti**

**Rikors nru 70/14**

Illum 27 ta' April 2017

Il-Bord,

Ra r-rikors ta' Wilhelmina Chetcuti et li jaqra hekk:

Illi r-rikorrenti kienet kriet lill-intimat Wayne Chetcuti il-garage nru 9, Bunting Street, Paola;

Illi l-intimat baqa' inadempjenti fil-hlas tal-kera f'zewg skadenzi konsekuttivi u cioe tal-31 ta' Marzu 2012 u tal-31 ta' Marzu 2013 u dan

minkejja li gie nterpellat ufficcjalment kif jirrizulta mill-annessi kopji ta' ittri ufficcjali mmarkati HS1 u HS2;

Illi ghalhekk l-intimat Wayne Chetcuti qed jiddetjeni l-fond ossia garage nru 9, Bunting Street, Paola minghajr titolu fil-ligi.

Ghladaqstant ir-rikorrenti umilment titlob bir-rispett li dan il- Bord a tenur tal-procedura sommarja specjali skont l-artiklu 16A tal-ordinanza li tirregola it-Tigdid tal-Kiri tal-Bini joghgbu jawtorizza lill-esponent tirriprendi l-pusses tal-fond ossia l-garage nru 9, Bunting Street, Paola u ghal fini tal-izgumbrament tal-intimat jiprefiggi terminu qasir u perentorju.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

Ra li l-intimat gie notifikat skont il-ligi u li ma deherx fis-seduta tallum biex jikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti.

Sema' lil Pamela Grech.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi l-intimat kien jikri l-garaxx inkwistjoni minghand ir-rikorrenti izda huwa baqa' moruz fil-hlas tal-kera. Mix-xhieda ta' Pamela Grech jirrizuta li l-intimat f'xi zmien ta lura c-cavetta tal-garaxx biss pero' halla l-affarijiet tieghu kollha fih bil-konsegwenza li huwa xorta wahda ghadu qieghed jokkupa l-fond.

Ghaldaqstant u anki in vista tal-fatt li l-intimat ma deherx biex jikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti, l-istess talbiet tar-rikorrenti ghandhom jintlaqghu.

Ghal dawn il-motivi l-Bord jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u ai fini tal-izgumbrament mill-garaxx nru 9, Bunting Street, Paola jiffissa terminu perentorju ta' tletin (30) jum.

L-Ispejjez kollha huma a karigu tal-istess intimat.

**Dr Josette Demicoli LL.D.**
**Magistrat**

**Lorianne Camilleri**
**Deputat Registratur**